

Brussell, 5 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10973/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0198(NLE)**

**ACP 91
FIN 748
PTOM 15**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10738/22
Nru dok. Cion:	10498/22 - COM(2022) 306 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-allokkazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna - Adozzjoni

1. Fil-21 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-allokkazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u, fit-28 ta' Ġunju 2022, laħaq qbil fil-livell tiegħu dwar test rivedut tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li jinkludi kjarifiki addizzjonali, b'mod partikolari dwar ir-rabta mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2022, in-natura eċċezzjonali tal-mobilizzazzjoni ta' fondi diżimpenjati, l-attenzjoni li għandha tingħata lill-pajjiżi AKP l-aktar vulnerabbli u esposti, ir-rabta kontinwa bejn il-fondi użati mill-ġdid u l-FEŻ ta' oriġini tagħhom, id-distribuzzjoni tal-ammont li għandu jiġi mobilizzat bejn il-linji ta' azzjoni differenti, u d-distribuzzjoni tal-ammont globali bejn l-10 u l-11-il FEŻ.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu mat-test fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2022.
4. Konsegwentement, il-Kunsill huwa mistieden biex, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu:
 - jadotta d-Deċiżjoni, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 10762/22, filwaqt li jaġixxi b'unanimità kif previst fl-Artikolu 1(4) u (5) tal-11-il Ftehim Intern tal-FEŻ¹;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.